# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 207/15 CSH**

**Mobisle Communications Ltd. (C24655) u b'digriet tal-4 ta' Frar, 2016 is-socjeta' Go p.l.c. (C22334) giet awtorizzata tassumi l-atti minflok is-socjeta' Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Dark Tyrone Craig**

**Illum 15 ta' April, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Lulju, 2015 mis-socjeta' rikorrenti Mobisle Communications Ltd. fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' hamest elef erba' mija w tnejn u hamsin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5452.56), rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni mas-servizz 79200010 (AC40356895). L-ammont fuq imsemmi jinkludi l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2444/14, u bl-imghax mis-

27 ta' Novembru, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxal Charles Cassar datata 2 ta' Frar 2016 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut Dark Tyrone Craig kif

moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici, fil-Kunsilli Lokali ta' l-Isla u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Isla (fol.18 tergo).

Rat ukoll illi l-konvenut kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Frar, 2016 (fol. 17) u permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali 'Times of Malta' tal-1 ta' Marzu, 2016 (fol. 21).

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attriciipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-15 ta' April 2016.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2016 l-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut Dark Tyrone Craig ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' hamest elef, erbgha mija w tnejn u hamsin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5452.56). Bl-ispejjez komprizi dawk**

**tar-rikors promotur, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2444/14 u bl-imghax mis-27 ta' Novembru, 2014 kontra l-konvenut.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**